TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Michael Zammit

vs

Tarsons Ltd & Property Development

CCT G16/21/MS

23 ta' Frar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fid-9 ta 'Dicembru 2021 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkorregi l-prezz originali ta' €230.00 illi kien miftiehem ghal ghaxar sollijiet, u dan wara li huwa nghata biss sitt sollijiet wara li tnejn minnhom qatt ma gewx konsenjati u tnejn ohra kienu izghar mill-qisien li hu kien pprovda u nzammu mill-intimat. Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal biex ihallas biss ghal sitt sollijiet u xejn iktar.

Ra r-riposta tas-socjeta 'intimata fejn cahad kategorikament il-fatti, u qal illi l-ammont dovut lis-socjeta 'intimata hija ta' €371.52. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-kontro-talba tas-socjeta' intimata pprezentat fl-4 ta 'April 2022, fejn qalet illi pprovdiet lir-rikorrent xoghol ta'irham tat-tip Bianco Carrara li jammonta ghal tlett mija u wiehed u sebghin euro u tnejn u hamsin centezmu. (€371.52); illi minkejja li r-rikorrent gie interpellat diversi drabi sabiex jithallas l-ammont dovut, huwa naqas milli jhallas; talbet lit-Tribunal jikundanna lil Michael Zammit sabiex ihallas l-ammont ta' tlett mija u wiehed u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€371.52), flimkien mal-imghaxijiet legali skond il-ligi u dan taht kwalunkwe provvediment xieraq u opportun.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba pprezentat fit-12 ta' April 2022 fejn ir-rikorrent ikkontesta l-kontro-talba u ecepixxa illi fl-ebda hin u bl-ebda mod ma giet mitluba jew imsemmija s-somma ta' €371.52 ghal xoghol ta '

sollijiet u tal-irham u s-somma miftiehma ghax-xoghol kienet ta' €230.00 u xejn aktar.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema 'x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien avvicina lill-intimat Tarcisio Cremona, u kien ordna ghaxar sollijiet tal-irham minghand id-ditta tieghu u ftehmu fuq prezz ta' €230.00. Skond ir-rikorrent, l-prezz kien jinkludi kemm ix-xoghol kif ukoll id-delivery sax-Xewkija.

Ir-rikorrent ighid illi hu qatt ma nghata invoice u li kien hu stess li pprovda l-qisien tas-sollijiet. Meta dawn tlestu, huwa mar ihallas u talab li dawn jigu konsenjati lilu sax-Xewkija skond il-ftehim. Malli wasal sab li tmienja minnhom biss kienu lesti u t-tnejn l-ohra kien ghadhom qed jinhadmu. Wara li l-intimat innega illi kien hemm ftehim verbali fuq *delivery* ir-rikorrent kellu jghabbihom fil-karrozza bl-ghajnuna tal-mara tieghu li zammithom biex ma jinqelbux sakemm waslu sax-Xewkija.

Ir-rikorrent xehed li ma kien hemm xejn bil-miktub, hlief bicca biljett (business card) ta 'Cremona fejn hu kien kiteb ic-cifra ta' €230.00. Ir-rikorrent ghalhekk ghabba t-tmien bicciet fil-karrozza tieghu u hadhom sax-Xewkija, nizzilhom wiehed wiehed biex jehodhom fil-post u hemmhekk sab li tnejn minnhom kienu izghar. Mar lura biex ighidlu dakinhar stess u l-intimat kien aggressiv miehgu, fejn fost hafna ghajjat qallu li biex jaghmillu tnejn ohra ried l-ammont ta' €280.00. B'hekk minn ghaxar sollijiet spicca b'sitta, ghaliex tnejn kienu zghar wisq u tnejn l-ohra ma kienux lesti. Ghalhekk hu tah lura iz-zewg sollijiet hziena. Minhabba li ma bdewx jiftiehmu, r-rikorrent ma hallasx, u wara, l-intimat hareg bi prezz iktar gholi minn dak miftiehem - u cjoe 'l-ammont ta ' €371.00. Ir-rikorrent qal ukoll illi kellu jordna erba 'sollijiet ohra minn Malta ghal prezz ta' €120.00 (minghajr VAT).

It-Tribunal ra ukoll l-affidavit ta 'Anthony Muscat (ID 526647M), li kkonferma illi f'Lulju 2021, ir-rikorrent gie fil-hanut tieghu u ordna erba ' sollijiet tal-irham Bianco Carrara ghad-dar tieghu x-Xewkija. Dawn gew

konsenjati skond il-qisien provduti mir-rikorrent stess ghall-prezz ta ' €141.60 inkluz il-VAT, liema prezz thallas mir-rikorrent Michael Zammit.

Xehed ukoll l-intimat Tarcisio Cremona li kkonferma illi huwa sid ta ' fabbrika tal-irham immexxija minnu. L-intimat qal illi hu ma jafx l-intimat pero kkonferma li l-mara tieghu giet ghandu xi hames darbiet biex taghzel dawn is-sollijiet u kienet indeciza. Fl-ahhar iddecidiet illi kienet ser taghmel sollijiet tat-travertin. Gabitlu l-qisien fuq bicca karta u huwa kitibhom, pero 'sadanittant rega 'bdielha u qaltlu li xtaqithom Bianco Carrara. Qal ukoll illi hemm differenza fil-prezz bejn Travertin u Bianco Carrara, pero 'accetta illi jaghmilhomlha.

Sadanittant gie r-rikorrent ghalihom u kien hemm tmienja b'kollox. Qam argument ghaliex ir-rikorrent kellu jghabbihom, pero 'skond l-intimat dawn kienu joqghodu fil-karrozza. L-intimat qal illi huwa ghadu ma thallasx ghal dan ix-xoghol u talab il-hlas ta' €371.00. Ipprezenta ukoll il-karta li ta lis-sinjura Zammit ta '8 sollijiet Bianco Carrara, ffirmat minnha. Qal ukoll illi ghamel il-prezz wara li hi iffirmat il-karta. Meta gie ir-rikorrent ghalihom, wara li qallu kemm gie il-prezz, telaq minghajr ma hallas. Wara rega 'gie u ilmenta ghaliex is-solijiet ma kienux imqattghin sew alavolja skond l-intimat, kien ghamilhom fuq il-kejl li tatu s-sinjura Zammit meta giet l-ufficju tieghu.

Ikkunsidra

Illi peress illi r-rikorrent ma ghamel l-ebda hlas, it-Tribunal sejjer l-ewwel jikkunsidra l-kontro-talba tal-intimat, li qed jitlob il-hlas ta' €371.52 ghal xoghol ta 'irham illi huwa ghamel fuq ordni ta' tmien sollijiet. Min-naha tieghu, ir-rikorrent qieghed jikkontendi illi l-prezz originali kien ta' €230.00 ghal ghaxar sollijiet (u mhux €371.52), u di piu', qed jitlob illi jhallas biss ta' sitta minnhom, u dan peress illi tnejn minnhom ma gewx konsenjati u tnejn ohra ma sarux skond il-qisien ipprovdut minnu.

Illi bhalma jigri spiss, meta l-affarijiet isiru bl-ghaggla u ma jkunx hemm skrittura formali bejn il-partijiet, dan jaghti lok ghall-interpretazzjoni u dubji, u ma ighin l-ebda parti. Ma hemmx dubju illi l-affarijiet saru b'mod dilettantesk, u dan min-naha taz-zewg partijiet. Il-qisien misshom ittiehdu mill-intimat u mhux mir-rikorrent, u kollox missu gie registrat bil-miktub.

Fix-xiehda tieghu, l-intimat ighid illi huwa gie avvicinat mil-mara tar-rikorrent, u li kienet hi li tatu l-qisien, pero' jikkoncedi illi l-prezz indikat fuq il-business card (biljett) seta 'nghata mit-tfal tieghu li jahdmu mieghu u seta 'jaghti l-kaz illi dan kien il-prezz ghal Travertin, li kienet l-ewwel ghazla taghha. Ighid ukoll illi l-mara tar-rikorrenti rega 'bdielha u biddlet l-ordni minn Travertin ghal Bianco Carrara u ghalhekk il-prezz oghla.

L-intimat esebixxa numru ta 'dokumenti :-

1) dokument roza datat 12 ta 'Mejju 2021 fejn hemm indikat ordni ghal *8 marble sills Bjanko Karrar with chamfered edges* ghal prezz ta' €371.52 inkluz il-VAT;

2) Invoice/Cash Sale (numru 55) minghajr data, minghajr prezz, fejn hemm indikat 8 sill Bjanko Karrara. Dan fih ukoll firma li skond l-intimat hija tal-mara tar-rikorrent.

3) Invoice/ Cash Sale (numru 54), datat 7 ta 'Gunju 2021 fejn hemm indikat Marble Travertino sills ghal prezz ta€ '289.25 + zieda ta' €25.00 ghal Bjanko Karrara - € 314.25, kif ukoll zieda ta' €15.00 ghat-trasport - Total ta' €329.25.

Illi minghajr ebda tlaqliq it-Tribunal qed jiddikjara minn issa illi mhuwiex ser jkkunsidra d-dokument allegatament iffirmat mil-mara tar-rikorrenti. Apparti l-fatt illi d-dokument ma fih l-ebda prezz jew data, il-firma ma tikkorrispondix mal-firma tal-mara tar-rikorrent skond dokumenti ufficjali li gew esebiti, u allura dan id-dokument ser jigi injorat mit-Tribunal.

Illi l-argument tal-intimat ma jsibx korroborazzjoni fl-ebda mid-dokumenti esebiti minnu.

Jibda biex jinghad illi l-ammonti indikati minnu fid-dokumenti esebiti, ma jaqblux. Fuq il-karta roza, li hija datata 12 ta 'Mejju 2021 hemm indikat il-prezz ta' €371.52 ghal 8 marble sills in Bianco Carrara, mentri fil-cash sale datat 7 ta 'Gunju 2021 il-prezz indikat huwa inqas. Illi jekk, kif qed ighid l-intimat, l-ewwel ordni kien ghal Travertin umbaghad inbidel, it-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex f'Mejju kien hemm ordni ghal Bianco Carrara, u xahar wara f'Gunju, hemm referenza ghal Travertino. Terga ' u tghid, l-invoice datat 7 ta 'Gunju 2021 fejn hemm indikat l-ammont ta ' €329.25, jinkludi wkoll iz-zieda ghal Bianco Carrara (€25.00) u trasport

(€15.00). It-Tribunal ghalhekk ma jistax jifhem kif l-intimat qed jitlob tnejn u erbghin Euro iktar, meta hu stess ammetta illi ma pprovda l-ebda trasport u meta l-Bianco Carrara huwa diga 'anticipat fis-somma citat - u cjoe 'dik ta' €329.25.

Ikkunsidra

Illi minn ezami tad-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-uniku prezz li gie miftiehem fil-presenza taz-zewg partjiet kien il-prezz ta' €280/ €230.00 li hemm indikati fuq il-biljett tal-intimat. Terga 'u tghid illi dan il-biljett ghandu diversi prezzijiet indikati - prezz ta' €280.00 li jidher imhazzez, prezz ta€ '235.00 u finalment, il-prezz ta' €230.00.

Ir-rikorrent ighid illi l-prezz ta' €230.00 kien ghall-ghaxar sollijiet u kien jinkludi l-VAT.

Filwaqt li t-Tribunal jasal biex jemmen illi dan kien il-prezz finalment miftiehem, isibha difficli jemmen illi dan il-prezz kien jinkludi wkoll il-VAT u t-trasport, u dan zgur ma jirrizultax mill-istess biljett.

Fil-fatt, jekk wiehed jara l-affidavit ta 'Anthony Muscat, il-prezz ta 'erba ' sollijiet bil-VAT huwa ta' €141.60. Dan ifisser illi prezz fis-suq ta 'soll wiehed (minghajr VAT) huwa ta 'circa €30.00. Dan jikkorrispondi, piu o meno, mal-biljett (business card) esebit, fejn il-prezz gie indikat originarjament ghal €280.00, li huwa iktar ragonevoli. Jidher, pero', illi ghal xi raguni, dan il-prezz rega' gie ridott ghal €230.00 - medja ta' €23.00 ghal soll wiehed.

Illi r-rikorrent ighid illi huwa zamm sitta minnhom. Tnejn minnhom ma gewx konsenjati u tnjen l-ohra inghataw lura lill-intimat. Dan gie anke ammess mill-intimat stess fix-xiehda tieghu.

Illi wara li ra d-dokumenti kollha u sema 'x-xhieda, it-Tribunal huwa iktar propens jemmen il-versjoni tar-rikorrent, u cjoe 'li huwa ordna ghaxar sollijiet ghall-prezz ta' €230.00, b'dan pero 'illi l-ammont m'ghandux jinkludi l-VAT jew it-trasport.

It-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex ir-rikorrent qatt ma hallas ghal dawn is-sollijiet. Anke jekk, kien hemm disgwid bejn il-partijiet u l-intimat ried il-hlas kollu jew xejn, dan l-ammont seta' facilment jigi depozitat il-Qorti.

Illi ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa 't-talba tar-rikorrent u jiddikjara illi huwa ghandu jhallas ghal sitt sollijiet inkluz ił-Vat; jilqa ' parzjalment il-kontro-talba tas-socjeta 'intimata u jikundanna lir-rikorrent li jhallas lill-istess socjeta 'l-ammont ta 'mija tnejn u sittin euro u erbgha u tmenin centezmu (€162.84). Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes li ghandhom jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru